MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 07 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1312/2000/1

**Liana Caruana Curran**

**vs**

**Dr Ian Spiteri Bailey u l-PL Davina Sullivan li gew nominati bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti Bobby Dale Thomas b'digriet tal-20 ta' Marzu 2000**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Settembru, 1988 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi fl-ahhar snin tar-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjugi iddeterjorat sostanzjalment u dan

minhabba ragunijiet legalment validi fosthom minacci, eccessi, theddid, inkompatibilita’ ta’ karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghal proceduri ta’ separazzjoni personali kif ukoll ghall-fatti illi l-konvenut Ii huwa ta’ nazzjonalita’ Amerikana telaq minn Malta.

Illi b’digriet ta Qorti tas-Sekond’ Awla l-attrici ottjeniet digriet sabiex tibda proceduri kontra kuraturi;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghalhekk ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex taqta’ tiddeciedi u tordna billi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, u minhabba li l-hajja flimkien m’ghadhiex aktar possibli u ghax iz-zwieg tkisser irremidjabilment liema ragunijiet huma imputabbli lill-konvenut kif fuq imfisser;

2. Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara ukoll illi l-konvenut huwa htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-**Kodici Civili** u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif li wkoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit, kif ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsiderata li minnha tkun hatja tal-firda;

3. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gja indikati u hemm lok li jiddekadi minn dak is-sehem spettanti lilu skond il-Ligi.

4. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti fil-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol 8 fejn gie premess:

(1) Illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw illi jirrispondu f’aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda;

Rat il-verbali tas-7 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi biex tigbor il-provi, tas-17 ta’ Settembru 2001, tat-2 ta’ Novembru 2001, tat-22 ta’ Frar 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-24 ta’ April 2002 fejn Dr Ian Spiteri Bailey bhala kuratur informa lill-Qorti li ma saru ebda seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Il-Qorti ghalhekk ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa erba’ seduti ghall-provi kollha tal-partijiet u biex tirritorna l-process ghas-seduta li jmiss ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbal tal-10 t’Ottubru 2002 fejn Dr Martin Fenech ghall-attrici ddikjara li m’ghandiex provi aktar u Dr Ian Spiteri Bailey ghall-konvenut informa lill-Qorti li prova jikkomunika mal-konvenut imma bla success. Dr Fenech iddikjara li komunjoni tal-akkwisti m’ghandiex assi u d-difensuri talbu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Novembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mid-dikjarazzjoni attrici datata 26 ta' Gunju 2000 jirrizulta li hija sostniet li:-

*"1. Illi l-partijiet izzewgu fil-17 ta' Settembru 1988 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.*

*2. Illi fl-ahhar snin tar-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjugi iddeterjorjat sostanzjalment u dan minhabba ragunijiet legalment validi fosthom minacci, eccessi, theddid, inkompatibilita ta' karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghall-proceduri ta' seperazzjoni personali kif ukoll ghall-fatt illi l-konvenut li huwa ta' nazzjonalita amerikana telaq minn Malta".*

Illi minn dawn il-minimu ta' provi prodotti, li bl-ebda mod ma huma kontestati jirrizulta li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni legali bejn il-partijiet, u fuq kollox jirrizulta definitivament li l-konvenut telaq minn Malta tant li fil-fatt huma l-kuraturi li qed jipprezentawh f'din il-kawza *stante* li huwa baqa' assenti.

Illi ghalhekk konsegwenza tal-fatt li l-istess konvenut jirrizulta li abbanduna d-dar konjugali, u dan kif provdut fl-**artikolu 41 tal-Kap 16,** japplikaw kontra tieghu d-disposizzjoniiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili,** u ghalhekk anke it-tieni talba ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tielet (3) talba peress li l-attrici fl-ahhar seduta tal-10 ta' Ottubru 2002 iddikjarat li ma kien hemm l-ebda assi fil-komunjoni tal-akkwisti, mela allura tali talba ma tistax tigi milqugha kif proposta fis-sens li ma hemm xejn x'taqsam bejn l-istess konjugi, ghalhekk l-komjoni tal-akkwisti qed tigi dikjarata xolta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi

deputati nkwantu l-istess huma inkompatibbli mat-talbiet attrici, **u tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn indikat:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibli u dan ghaliex fil-fatt il-konvenut abbanduna wkoll d-dar konjugali u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremidjabilment, ghal liema ragunijiet huma imputabbli lill-konvenut kif fuq imfisser;

2. Tiddikjara li l-konvenut huwa htija tal-firda ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif li wkoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit, kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data tas-26 ta' Gunju 2000 stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun ikkunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda;

3. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mid-data tas-26 ta' Gunju 2002, u peress li l-attrici ddikjarat li ma hemm ebda assi fl-istess komunjoni tal-akkwisti tastjeni mill-qsim tal-istess mitlub, filwaqt li fi kwalunkwe kaz tiddikjara li l-konvenut assenti ddekada minn kull sehem talvolta spettanti lilu skond il-Ligi.

4. Tichad ir-raba' (4) talba ghan-nomina ta' Nutar biex jippubbbika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja stante li ma hemmx bzonn tali nomini u publikazzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta’ Novembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta’ Novembru 2002**